



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Frar 2024
(OR. en)

5978/24
PV CONS 4
AG 15

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
29 ta' Jannar 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 5450/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

5773/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5774/24

Ambjent

1. Regolament dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra



5599/1/24 REV 1
5599/24 ADD 1
PE-CONS 60/23
ENV

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija tivvota kontra u r-Repubblika Ċeka u l-Italja jastejnu (bażi legali: Artikolu 192(1) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

2. Regolament dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu



5600/24
PE-CONS 61/23
+ COR 1 (pl)
ENV

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: Artikolu 192(1) TFUE).

Deliberazzjonijiet leġislattivi
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Pakkett leġislattiv "Difiża tad-Demokrazija Ewropea"** **1C** 5428/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

4. **Affarijiet oħra**

Xejn.

Attivitajiet mhux leġislattivi

5. **Il-prijoritajiet tal-Presidenza Belġjana** **3**
Preżentazzjoni mill-Presidenza
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Presidenza dwar il-prijoritajiet għall-mandat tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħidma tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, u kellu skambju ta' fehmiet. Dan il-punt ġie indirizzat f'seduta pubblika.

6. Djalogu Annwali dwar l-Istat tad-Dritt: diskussjoni speċifika 5222/24
għall-pajjiż
Skambju ta' fehmiet

7. Affarijiet oħra



L-ewwel qari



Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 5774/24**Dwar il-punt "A"
nru 1:**

Regolament dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka hija impenjata bis-sħiħ li tiżgura l-konformità mal-Protokoll ta' Montreal, li tiġġielel il-kummerċ illegali b'mod aktar effettiv u li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jintlaħqu l-oġġettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %" u n-newtralità klimatika.

YFilwaqt li naqblu mal-għanijiet tar-Regolament, jiddispijacija li l-ftehim finali, fl-opinjoni tagħna, jmur lil hinn minn dawk l-oġġettivi u jindirizza għażliet ta' politika li ma ġewx analizzati bis-sħiħ u li jaqgħu taħt leġislazzjoni differenti, b'mod partikolari r-Regolament REACH.

Għar-Repubblika Ċeka, l-aktar dispożizzjonijiet problematiċi jinvolvu l-paragrafu l-ġdid dwar Switchgear (l-Artikolu 13(5)), li jipprojbixxi waħda mill-alternattivi b'GWP baxx, u diversi partijiet tal-Anness IV, b'mod partikolari dwar il-pompi tas-sħana maqsuma u l-arja kundizzjonata, li jipprojbixxi alternattivi b'GWP baxx mill-2035. Barra minn hekk, il-projbizzjonijiet fuq alternattivi b'GWP baxx fis-settur tal-fowms, l-aerosols u l-pompi tas-sħana monoblokka wkoll joħolqu problema sinifikanti għalina.

L-għażla ta' politika li jiġu pprojbiti alternattivi b'GWP baxx fis-settur tal-pompi tas-sħana u switchgear, flimkien ma' projbizzjonijiet stretti ħafna oħra fuq il-pompi tas-sħana fl-Anness IV u mal-projbizzjonijiet tas-servizz introdotti reċentement fuq il-pompi tas-sħana, hija sensittiva ħafna għar-Repubblika Ċeka. Il-Pjanijiet tagħna dwar il-Kwalità tal-Arja jiddependu ħafna fuq l-użu tal-pompi tas-sħana u saru investimenti sostanzjali mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (b'mod partikolari l-Fond ta' Koeżjoni) u mid-dħul tal-EU ETS f'dan is-settur. Nibżgħu li kwalunkwe ostaklu addizzjonali jkun ta' ħsara għall-politika tagħna dwar il-kwalità tal-arja u għas-sostenibbiltà tal-investimenti li saru fit-tranżizzjoni mill-faħam għal sorsi ta' enerġija aktar nodfa.

Aħna nemmnu wkoll li l-projbizzjoni ta' alternattivi b'GWP baxx tmur kontra l-ispirtu tad-Deċiżjoni XXXIV/3 tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal, li thegġegħ lill-Partijiet biex itejbu l-effiċjenza enerġetika filwaqt li jnaqqsu gradwalment l-HFCs, u biex iqisu r-rapport TEAP 2022. Id-Deċiżjoni XXXIV/3 mhijiex inizjattiva unika u d-dibattitu dwar l-effiċjenza enerġetika skont il-Protokoll ta' Montreal ma jeskludi, bl-ebda mod, l-alternattivi fluworurati b'GWP baxx.

Abbażi tar-raġunijiet ta' hawn fuq, minkejja li sar ħafna xogħol biex jiġu indirizzati xi wħud mill-kwistjonijiet, ir-Repubblika Ċeka ma tistax tappoġġa l-ftehim u ser tastjeni mill-vot."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tibqa' impenjata bis-sħiħ li tiżgura l-konformità tal-oġġettivi tal-politika dwar il-klima tal-UE għall-2030 u l-2050, filwaqt li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Protokoll ta' Montreal. Għalhekk, tilqa' t-tiġdid tar-regolament dwar il-gassijiet F u tappoġġa l-għan tiegħu li jkompli jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet F biex jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi tal-UE kif ukoll jippromwovi l-innovazzjoni għal prodotti b'GWP baxx jew mingħajr gassijiet F.

L-ilħuq ta' ftehim dwar ir-regolament dwar il-gassijiet F huwa riżultat ta' diskussjonijiet kumplessi u mimlija tensjoni. Matul in-negozjati, l-Estonja kienet imħassba dwar il-ħeffa proposta tat-tnaqqis gradwali tal-HFCs u l-ispejjeż relatati għas-soċjetà kif ukoll disponibbiltà u affordabbiltà suffiċjenti ta' teknoloġiji alternattivi fi swieq żgħar bħall-Estonja.

L-Estonja tixtieq terġa' tenfasizza wkoll li l-projbizzjonijiet rispettivi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa tal-fattibbiltà reali u l-alternattivi disponibbli. Jiddispijjaċina li dan mhux dejjem kien il-każ. Xi kultant il-valutazzjonijiet tal-impatt kienu insuffiċjenti jew neqsin u l-ħtieġa għal eliminazzjoni gradwali rapida u totali f'xi setturi hija dubjuża kemm mill-perspettiva klimatika kif ukoll minn dik ekonomika – qed nevitaw il-benefiċċju għall-klima. Wieħed minn dawn it-tħassib huwa relatat mal-projbizzjoni tal-gassijiet F f'pomp tas-sħana u chillers żgħar maqsumin – qed niprojbixxu alternattivi b'GWP baxx li jiffunzjonaw għal impatt klimatiku minimu, jekk ikun hemm. Fl-istess ħin l-użu ta' alternattivi b'GWP baxx huwa kompletament konformi mal-Protokoll ta' Montreal u l-miri ta' tnaqqis tiegħu.

Kwistjoni importanti oħra għalina hija r-restrizzjoni relatata mal-fowms tal-kostruzzjoni. Biex inżommu l-veloċità ta' rinnovazzjoni mistennija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni li għadha kif ġiet miftiehma, jeħtieġ li nibnu matul is-sena kollha fl-istaġuni kollha. Għalhekk, il-projbizzjoni fuq l-użu ta' gassijiet F b'GWP baxx fil-fowm ta' iżolament hija kontroproduktiva għal dan l-għan peress li ma hemm l-ebda soluzzjoni ħielsa mill-gassijiet F għall-bini ta' temperaturi taħt + 5 grad Celsius. Għal darb'oħra, qed niprojbixxu prodotti b'GWP baxx ta' gassijiet F mingħajr valutazzjoni tal-impatt, bit-tama li alternattiva xierqa u affordabbli ser tkun fis-suq saż-żmien tal-projbizzjoni.

Qed nistennew bil-ħerqa l-linji gwida futuri mill-Kummissjoni dwar l-Anness IV, li jispjegaw il-projbizzjonijiet u jgħibu eżempji ta' kif prodotti differenti jaqgħu taħt ċerti projbizzjonijiet. Dan huwa kruċjali biex wieħed jifhem il-projbizzjonijiet u l-implimentazzjoni xierqa u uniformi tar-regolament il-ġdid madwar l-UE.

Filwaqt li l-Estonja tappoġġa l-qbil li ntlaħaq dwar ir-regolament, nistennew li l-klawżola ta' rieżami dwar il-projbizzjonijiet tal-Anness IV tindirizza b'mod adegwat il-kwistjoni tal-alternattivi eżistenti u t-tħassib imsemmi hawn fuq."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija hija impenjata lejn il-miri tal-politika dwar il-klima tal-UE għall-2030 u l-2050 u tagħti importanza lill-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li l-Ungerija taqbel bis-sħiħ mal-oġġettiv ġenerali li jissaħħaħ ir-rwol tar-Regolament dwar il-gassijiet F fil-kontribut għan-newtralità klimatika, ma nistgħux nappoġġaw il-kompromess finali.

Filwaqt li napprezzaw ċerti elementi tal-pakkett (inkluż iż-żamma tal-prezz tal-kwota ta' EUR 3, il-provvediment ta' salvagwardji u derogi biex tiġi żgurata s-sigurtà, l-evitar ta' monopolju tas-suq, u ż-żamma ta' eżenzjoni mis-sistema tal-kwoti għas-semikondutturi), il-ftehim jaqsam linji ħomor serji, li l-Ungerija diġà enfasizzat f'diversi okkażjonijiet.

L-ewwel nett, fil-fehma tagħna, il-ftehim imur kontra l-oġġettivi ta' RePowerEU u l-użu rapidu tal-pompi tas-sħana. Għalhekk, projbizzjoni mifruxa fuq ir-refriġeranti, speċjalment alternattivi b'emissjonijiet aktar baxxi, tmur kontra l-ambizzjonijiet tal-politika tal-UE dwar il-klima u xxekkel l-adozzjoni ta' alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima minħabba l-affordabbiltà tagħhom.

L-Ungerija insistiet b'mod konsistenti matul in-negozjati li l-effiċjenza enerġetika, is-sikurezza teknika u l-fattibbiltà ekonomika m'għandhomx jiġu injorati u li għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u ġeografiċi differenti ta' kull Stat Membru. Il-ftehim mhuwiex konformi ma' dan it-tħassib.

It-tħassib jinkludi l-manutenzjoni limitata ta' prodotti li bħalissa jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni u li huma ddisinjati għal ħafna għexieren ta' snin ta' użu, kif ukoll il-ħin insuffiċjenti biex issir thejjiġa għat-tranżizzjoni teknoloġika. Is-soluzzjonijiet tekniċi għat-tipi ta' tagħmir attwalment fiċ-ċirkolazzjoni ser jiġu pprojbiti, u fi żmien ftit snin ser japplikaw restrizzjonijiet sinifikanti għal tagħmir introdott fis-suq jew tagħmir manifatturat reċentement ibbażat fuq it-teknoloġija attwali. L-isfidi tekniċi l-ġodda jitolbu l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' taħriġ attwali. In-nuqqas ta' dan jista' jwassal għal nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa.

L-Ungerija tqis li r-restrizzjonijiet tas-suq fuq it-tagħmir ma jistgħux jiġu implimentati bis-sħiħ sal-iskadenza, filwaqt li jitqiesu l-aspetti tal-effiċjenza enerġetika u tas-sikurezza teknika. Id-derogi fil-ftehim ma jipprovdux soluzzjoni sodisfaċenti għall-problema, peress li parti sinifikanti mit-tagħmir attwali hija mistennija li tiġi sostitwita fi żmien 10 snin.

Minħabba l-potenzjal għoli tagħhom ta' tisħin globali, id-disponibbiltà ta' refriġeranti fluworinati qed tonqos b'mod kostanti taħt is-sistema attwali tal-kwoti. Madankollu, l-iskeda tat-tnaqqis tal-kwota deskritta fil-ftehim ma tqisx il-ħtiġijiet teknoloġiċi u tas-suq, li jistgħu jwasslu għal nuqqas serju ta' refriġeranti disponibbli legalment fis-suq u żieda drastika fil-prezz tas-suq tagħhom.

Ir-Regolament jista' jwassal għal bidla sproporzjonata fis-suq, li, min-naħa tagħha, tista' taffettwa ħażin lill-konsumaturi permezz ta' prezzijiet oġhla. Il-kombinazzjoni ta' diversi miżuri restrittivi żżejjed fi ħdan ir-Regolament dwar il-gassijiet F, bħal dawk relatati mal-pompi tas-sħana li jwasslu għal żidiet fil-prezzijiet, tista' tirriżulta f'żieda sinifikanti fl-attivitajiet kummerċjali illegali u fl-importazzjonijiet, li għalihom l-Ungerija, bħala pajjiż tal-fruntiera tal-UE, tkun esposta b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, dan ipoġġi piż intollerabbli fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

L-użu tal-eżafliworur tal-kubrit (SF6) f'xi switchgear elettriku għadu meħtieġ biex jiġi żgurat it-tħaddim sikur tal-grilja tal-elettriku fil-kundizzjonijiet teknoloġiċi attwali. Il-ftehim ser jelimina gradwalment it-teknoloġija eżistenti fis-suq, u jgħieghel lill-operaturi tal-grilja u lill-produtturi tal-elettriku jadattaw malajr għal teknoloġiji ġodda u ta' spiss aktar għaljin. Xi kumpaniji diġà għandhom vantaġġ sinifikanti fis-suq. Dan jista' jpoġġi lill-operaturi tal-UE fi żvantaġġ kompetittiv serju. Barra minn hekk, il-projbizzjoni fuq l-installazzjoni ta' switchgear elettriku mhijiex konformi mas-sitwazzjoni reali tas-suq mil-lat tekniku, tas-sikurezza u tad-disinn. B'mod partikolari matul kriżi tal-enerġija, din tista' tipperikola l-provvista stabbli tal-enerġija u s-sigurtà tal-enerġija, u tiffavorixxi għadd limitat haġna ta' produtturi, li jwassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, haġna mill-projbizzjonijiet introdotti mhumieħ appoġġati minn valutazzjoni tal-impatt adegwata tad-disponibbiltà ta' alternattivi xierqa u l-prezzijiet tas-suq tagħhom. Barra minn hekk, anki skont il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni, xi miżuri ma jwasslux għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet, iżda xorta jneħħu alternattivi vijabbli oħra b'emissjonijiet baxxi mis-suq."